



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2022/0212(BUD)

13.7.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Baġits

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 – it-taqsimiet kollha
(2022/0212(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Andreas Schwab

PA_NonLeg

SUGGESTIONS

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Bagħits, bħala l-kumitat responsabqli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li fil-proċedura baġitarja l-Kumitat IMCO huwa responsabqli għall-intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali, inklużi r-raggruppamenti tal-baġit 03 02 Programm tas-Suq Uniku, 03 03 Programm tal-UE Kontra l-Frodi, u 03 05 Kooperazzjoni fil-Qasam tad-Dwana;
2. Jappella għal inizjattivi adegwati u effettivi biex is-suq uniku jiġi restawrat, approfondit u kkompletat aktar filwaqt li tīgi appoġġjata t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq soċjali diġitali, sostenibbli u newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, biex jiġi promoss l-interess tal-konsumaturi Ewropej billi jiġi żgurat standard għoli ta' protezzjoni, u biex jiġu indirizzati ostakli mhux ġustifikati u sproporzjonati għall-erba' libertajiet li jagħmlu s-Suq Uniku aktar b'saħħtu, u aktar reżiljenti bil-għan li jiżdiedu l-flussi kummerċjali tal-UE u jittejbu l-ktajjen tal-valur, u b'hekk jingħata kontribut għat-tkabbir ekonomiku; jissottolinja li s-Suq Uniku huwa element ewljeni għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari, b'emissjonijiet żero netti tal-karbonju u effiċjenti fir-riżorsi u fl-enerġija;
3. Jenfasizza, b'mod partikolari, il-potenzjal kbir tal-moviment liberu tas-servizzi, li għadu sottożviluppat, u jappella għal inizjattivi u azzjonijiet li jagħtu spinta lill-kummerċ transfruntier fis-servizzi filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u jqisu d-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi fl-interess pubbliku ġenerali, filwaqt li jirrispettaw il-kriterji tan-nondiskriminazzjoni, in-neċċessità u l-proporzjonalità;
4. Jinnota li r-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 għadhom qed jaffettwaw lin-negozji u lill-konsumaturi Ewropej fuq perjodu twil, u dan iwassal għal distorsjonijiet tal-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi; jitlob għalhekk miżuri li jipproteġu s-Suq Uniku u li jappoġġjaw lill-konsumaturi u lill-intrapriżi mikro u żgħar permezz tal-Programm tas-Suq Uniku, li għandu rwol ewljeni fil-proċess ta' rkupru ekonomiku u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;
5. Jinnota li l-gwerra illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet tħalli impatt fuq l-atturi ekonomiċi kollha fis-setturi kollha tal-ekonomija Ewropea, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-Suq Uniku u li b'konsegwenza ta' dan il-ktajjen tal-provvista u l-flussi kummerċjali jiġu mfixkla; jappella għalhekk għal inċentivi biex is-Suq Uniku jsir aktar reżiljenti u biex jitnaqqsu d-dipendenzi, jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista u jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kummerċ internazzjonali ma' pajiżi demokratiċi tal-istess fehma;
6. Jenfasizza li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali se jsaħħu l-ekonomija diġitali, jipproteġu lill-konsumaturi online, jiżguraw il-ġustizzja u l-kontestabbiltà fis-suq diġitali u jistabbilixx regoli ċari dwar kif joperaw il-pjattaformi online u l-gwardjani; jisħaq li l-infurzar tad-dispożizzjonijiet taż-żeewġ Regolamenti se jirrikjedi kapaċità tal-persunal suffiċjenti fi ħdan il-Kummissjoni u li dan jeħtieġ li jitqies fil-baġit tal-Unjoni Ewropea;

7. Jissottolinja li t-trasformazzjoni u t-titjib tas- "Safety Gate" (RAPEX) għandhom ikunu priorità baġitarja sabiex is-sistema tkun tista' tiffunzjona bis-sħiħ u tipproteġi liċ-ċittadini Ewropej minn prodotti perikolużi;
8. Jenfasizza li huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għas-suq uniku, kemm online kif ukoll offline; jenfasizza wkoll li l-Unjoni għandha tiżgura finanzjament u proġetti biex tappoġġja dan l-għan u lejn l-implementazzjoni sħiħa tad-dritt eżistenti tal-Unjoni;
9. Itenni l-importanza ta' livell adegwat u effettiv ta' approprjazzjonijiet ta' impenn biex l-unjoni doganali tkun tista' tiġi modernizzata, b'appoġġ għall-implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-iżvilupp ta' sistemi doganali elettroniċi u aktar awtomatizzati; jisħaq li biex it-Tieqa Unika Doganali tiġi implementata kif xieraq, l-awtoritatijiet nazzjonali tal-Istati Membri għandu jkollhom riżorsi suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħhom; jisħaq li n-nuqqas ta' riżorsi u persunal suffiċjenti tal-awtoritatijiet doganali jista' jipperikola l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-unjoni doganali;
10. Jisħaq fuq l-importanza tal-viżibilità u tat-trasparenza tal-proġetti ffinanzjati mill-UE fl-Istati Membri; f'dan ir-rigward jinkoraġġixxi traċċabilità aħjar tal-infiq tal-UE fis-Suq Uniku bħal użu aktar viżibbli ta' tikkettar li juri finanzjament mill-baġit tal-UE fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibilitajiet u l-aħjar prattiki mill-Istati Membri u, jekk ikun xieraq, tiproponi soluzzjonijiet effiċjenti sabiex ittejjeb it-traċċabbiltà u t-trasparenza tal-infiq baġtarju tal-UE, inkluża n-nefqa fuq proġetti ffinanzjati mill-UE; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-baġit billi ttejjeb b'mod kostanti l-impatt effiċjenti u l-indikaturi orjentati lejn ir-riżultati sabiex tipprovdi baġit aktar effettiv, benesseri tal-konsumatur u valur aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji;
11. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja l-proposti ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji fi-ħdan il-mandat tal-Kumitat IMCO.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 12.7.2022 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: -: 0: |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Marco Campomenosi, Salvatore De Meo, Malte Gallée, Ivars Ijabs, Katrin Langensiepen, Antonio Maria Rinaldi, Dominik Tarczyński, Edina Tóth, Kosma Złotowski |

FINAL VOTE BY ROLL CALL IN COMMITTEE ASKED FOR OPINION

| | |
|-----------|---|
| 37 | + |
| ECR | Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Dominik Tarczyński, Kosma Złotowski |
| NI | Edina Tóth |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Deirdre Clune, Salvatore De Meo, Krzysztof Hetman, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| RENEW | Andrus Ansip, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose |
| VERTS/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Malte Gallée, Marcel Kolaja, Katrin Langensiepen |

| | |
|----------|----------|
| 0 | - |
| | |

| | |
|----------|---|
| 7 | 0 |
| ID | Alessandra Bassi, Markus Buchheit, Marco Campomenosi, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi |
| THE LEFT | Katerina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |

Key to symbols:

- + : in favour
- : against
- 0 : abstention